

## II

(Komunikazzjonijiet)

## FTEHIM INTERISTITUZZJONALI

## IL-KUMMISSJONI EWROPEA

**Memorandum ta' Fehim bejn il-Kummissjoni Ewropea u l-Laboratorju Ewropew tal-Bijoloġija Molekulari**

(2012/C 271/01)

Il-Kummissjoni Ewropea, minn hawn 'il quddiem "il-Kummissjoni", u l-Laboratorju Ewropew tal-Bijoloġija Molekulari, li l-kwartieri ġenerali tiegħu jinsabu f'Heidelberg, il-Ġermanja, minn hawn 'il quddiem "EMBL" (minn hawn 'il quddiem flimkien magħrufa bħala "iż-żewġ Partijiet"),

WARA LI KKUNSIDRAW

- It-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea li jipromwovi l-kooperazzjoni ma' pajjiżi terzi u organizzazzjonijiet internazzjonali fil-qasam tar-riċerka, l-iżvilupp teknoloġiku u d-dimostrazzjoni,
- Il-Ftehim li jistabbilixxi l-Laboratorju Ewropew tal-Bijoloġija Molekulari ffirmat fit-30 ta' Mejju 1973 <sup>(1)</sup>; abbażi ta' dan il-Ftehim il-firmatarji fdaw il-prestazzjoni tar-riċerka bażika fil-bijoloġija molekulari, it-taħriġ tax-xjentisti, l-istudenti u l-visitaturi fil-livelli kollha, l-offerta ta' servizzi vitali lil xjentisti fl-Istati Membri li huma firmatarji, l-iżvilupp ta' strumenti u metodi ġodda fix-xjenzi tal-ħajja u l-eżerċitar ta' attivitajiet tat-trasferiment teknoloġiku, fidejn l-EMBL,
- L-Arranġament Amministrattiv għall-kooperazzjoni xjentifika u teknoloġika ffirmat fit-18 ta' Jannar 1995 bejn il-Kummissjoni u l-EMBL,
- Id-Dikjarazzjoni ta' Intenzjoni ffirmata fl-24 ta' Ġunju 2010 bejn il-Kummissjoni Ewropea u l-Organizzazzjonijiet tal-EIROforum,
- Il-Programmi Qafas tal-Komunità Ewropea għar-riċerka, l-iżvilupp teknoloġiku u l-attivitajiet ta' dimostrarazzjoni,
- Il-Green Paper tal-2007 dwar il-perspettivi ġodda għaż-Żona Ewropea tar-Riċerka (ŻER) <sup>(2)</sup>, li titlob għal kooperazzjoni akbar u sħubija msaħħa ma' organizzazzjonijiet intergovernattivi tar-riċerka bħall-EMBL, l-aktar fir-rigward tal-ipprogrammar tar-riċerka, it-taħriġ u l-mobbiltà tar-riċerkaturi, l-infrastrutturi tar-riċerka, il-proprjetà intellettuali u l-kooperazzjoni internazzjonali,
- Il-Kommunikazzjoni dwar Kooperazzjoni Internazzjonali taż-ŻER tal-2008 <sup>(3)</sup>, li tikkonferma l-utilità ta' sħubija msaħħa bejn il-Komunità Ewropea u l-organizzazzjonijiet intergovernattivi Ewropej tar-riċerka, l-aktar l-Organizzazzjonijiet tal-EIROforum biex jgħinu l-għbir tal-massa kritika meħtieġa biex tingħata tweġiba effettiva għall-isfidi tal-politika li qegħdin isiru dejjem aktar globali,

<sup>(1)</sup> [http://www.embl.de/aboutus/general\\_information/organisation/hosts\\_site\\_agreement/un\\_agreement.pdf](http://www.embl.de/aboutus/general_information/organisation/hosts_site_agreement/un_agreement.pdf)

<sup>(2)</sup> Il-Green Paper dwar iż-Żona Ewropea tar-Riċerka tirreferi għall-Green Paper tal-Kummissjoni "Iż-Żona Ewropea tar-Riċerka: Perspettivi Ġodda", adottata fl-4 ta' April 2007, (COM (2007) 161 finali).

<sup>(3)</sup> "Qafas Strateġiku Ewropew għall-kooperazzjoni internazzjonali fix-xjenza u t-teknoloġija", 24 ta' Steembru 2008, (COM(2008)588).

- Il-Viżjoni ŻER 2020, approvata fit-2 ta' Diċembru 2008 mill-Kunsill tal-Unjoni Ewropea (UE) <sup>(1)</sup>; li tistipula li sal-2020 il-partijiet kollha se jibbenefikaw kompletament mill-ħames libertà madwar iż-ŻER <sup>(2)</sup>,
- L-“Istrateġija Ewropa 2020: strateġija għal tkabbir intelliġenti, sostenibbli u inklussiv” <sup>(3)</sup>, approvata fis-17 ta' Ġunju 2010 mill-Kunsill Ewropew, l-Inizjattiva Mexxejja relatata “Aġenda Diġitali għall-Ewropa” adottata mill-Kummissjoni Ewropea fid-19 ta' Mejju 2010 <sup>(4)</sup> u l-inizjattiva Mexxejja relatata “Unjoni tal-Innovazzjoni” adottata mill-Kummissjoni Ewropea fis-6 ta' Ottubru 2010 <sup>(5)</sup>,

HUMA U JIRRIKONOXXU

Ir-responsabbiltajiet rispettivi taż-żewġ Partijiet fl-oqsma msemmija qabel li jsaħħu lil xulxin b'mod reċip-roku,

Il-kooperazzjoni eċċellenti li ilha għal żmien twil bejn l-EMBL u l-Kummissjoni Ewropea bbażata fuq l-Arranġament Amministrattiv preċedenti,

QABLU KIF ĠEJ:

1. Iż-żewġ Partijiet għandhom l-intenzjoni jikkooperaw, filwaqt li jqisu kif xieraq il-kompetenzi rispettivi tagħhom, biex jikkonsolidaw u jiżviluppaw aktar iż-Żona Ewropea tar-Riċerka, l-aktar fir-rigward tal-ipprogrammar tar-riċerka, it-taħriġ u l-mobbiltà tar-riċerkaturi, l-infrastrutturi tar-riċerka, il-ġestjoni tal-proprjetà intellettuali u l-kollaborazzjoni internazzjonali. Għal dan il-għan, dawn jistgħu jiżviluppaw attivitajiet konġunti fil-qasam tax-xjenzi tal-ħajja molekulari.
2. Filwaqt li jqisu kif xieraq il-kompetenzi rispettivi tagħhom, il-kuntasti istituzzjonali u l-oqfsa operattivi, iż-żewġ Partijiet se jinfurmaw u jikkonsultaw lil xulxin, kif xieraq, dwar kwistjonijiet ta' interess reċip-roku, partikolarment fir-rigward tal-konsolidazzjoni u l-iżvilupp ulterjuri taż-Żona Ewropea tar-Riċerka.
3. L-istatus ta' osservatur mogħti lill-Kummissjoni Ewropea fil-Kunsill tal-EMBL fl-1995, jinżamm <sup>(6)</sup>.
4. Il-Kummissjoni se tagħti lill-EMBL id-dritt li tipproponi kandidati għas-sħubija ta' korpi esperti jew konsultattivi rilevanti. Dawn l-esperti se jiġu nnominati mill-Kummissjoni suġġett għar-regoli u l-proċeduri tagħha stess.
5. Iż-żewġ Partijiet se jstabbilixxu l-punti ta' kuntatt u l-mekkaniżmi ta' komunikazzjoni biex jintlaħaq l-għan previst mill-Memorandum tal-Fehim attwali.
6. Iż-żewġ Partijiet se jiltaqgħu kull meta hemm bżonn u tal-anqas kull sena biex iqisu l-progress u possibbilment jiddiskutu modi ulterjuri biex titjeb il-kollaborazzjoni reċiproka, inkluż l-attivitajiet konġunti, jew jesploraw sinerġiji potenzjali.
7. Iż-żewġ Partijiet se jiftehmu dwar il-mistoqsijiet relatati mal-interpretazzjoni u l-implimentazzjoni tal-Memorandum tal-Fehim attwali.
8. L-Arranġament Amministrattiv tat-18 ta' Jannar 1995 jinbidel bil-Memorandum tal-Fehim attwali.

Magħmul duplikatament f'Heidelberg, l-4 ta' Marzu 2011.

Għall-Kummissjoni Ewropea

Máire GEOGHEGAN-QUINN

Kummissarju għar-Riċerka, innovazzjoni u xjenza

Għall-Laboratorju Ewropew tal-Bioloġija  
Molekulari (EMBL)

Iain W. MATTJA

Direttur Ġenerali

<sup>(1)</sup> Il-konklużjonijiet tal-Kunsill 16767/08 dwar il-Kompetittività dwar “Il-Viżjoni 2020 għaż-Żona Ewropea tar-Riċerka”, l-2 ta' Diċembru 2008.

<sup>(2)</sup> Iż-ŻER tinkludi l-UE u l-pajjiżi assoċjati mal-Programm ta' Qafas għar-Riċerka.

<sup>(3)</sup> Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni COM(2010)2020 tat-3 ta' Marzu 2010 u l-Konklużjonijiet tal-Kunsill Ewropew tas-17 ta' Ġunju 2010 (<http://ec.europa.eu/eu2020/pdf/115346.pdf>).

<sup>(4)</sup> Il-Komunikazzjoni mill-Kummissjoni COM(2010) 245 tad-19 ta' Mejju 2010.

<sup>(5)</sup> Il-Komunikazzjoni mill-Kummissjoni COM(2010) 546 tas-6 ta' Ottubru 2010.

<sup>(6)</sup> Fl-Arranġament Amministrattiv iffirmit fit-18 ta' Jannar 1995 il-Kummissjoni Ewropea ngħatat status ta' osservatur.